

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ta' 1-24 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' l-Awstrija

(Kawża C-359/06) (¹)

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2001/45/KE — Politika soċjali — Protezzjoni tal-ħaddiema — Użu ta' tagħmir tax-xogħol — Ħtiġiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa*)

(2007/C 155/07)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Kreuschitz u I. Kaufmann-Bühler, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika ta' l-Awstrija [rappreżentant: C. Pesendorfer, aġent]

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, il-provvedimenti kollha neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/45/KE tas-27 ta' Ġunju 2001, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa għall-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 195, p. 46)

Dispożittiv

- 1) Billi m'adottatx, fit-terminu stabbilit, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/45/KE tas-27 ta' Ġunju 2001, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa għall-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), f'dak li jirrigwarda l-Burgenland u l-Land ta' Carinthia u, fir-rigward tal-Land ta' Niederösterreich, għall-inqas, billi ma kkunifikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-imsemmi terminu, ir-Repubblika ta' l-Awstrija naqset li twettaq l-obbligi imposti fuqha skond din id-Direttiva.
- 2) Ir-Repubblika ta' l-Awstrija għandha tħalli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 249 ta' l-14.10.2006.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' 1-24 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo

(Kawża C-364/06) (¹)

(*Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/15/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq — Nuqqas ta' trasportizzjoni fit-terminu stabbilit*)

(2007/C 155/08)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentant: N. Yerrell, aġent]

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo [rappreżentant: C. Schiltz, aġent]

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jieħu, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo naqas mill-obbligi imposti fuqu minn din id-Direttiva (ĠU L 80, p. 35).

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu stabbilit, id-dispożizzjonijiet leġiżlativi, regolamentari u amministrattivi neċċesarji sabiex jikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE, tal-11 ta' Marzu 2002, dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo naqas mill-obbligi imposti fuqu minn din id-Direttiva.
- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo għandu jħalli l-ispejjeż.

(¹) ĠU C 249 ta' l-14.10.2006.